**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 28 ta' Gunju 2022**

Rikors Numru: 80/22 AL

A B

vs

C B

(MR Nurmu 1925/2011)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) fil Marfa, limiti tal-Mellieha, Malta (Dok. A);

2. Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Joseph Abela datat tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) (Dok B);

3. Illi l-partijiet ghandhom wild li ghandu disgha snin;

4. Illi ghaddew aktar minn erba' snin mid-data li fiha l-partijiet isseparaw legalment u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

5. Illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad divorzju tal-partijiet;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata C B bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skond il Ligi, u dan taht dawk il-provedimenti li din l-Onor. Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Marzu 2022;

Semgħet lill-intimata preżenti fl-awla fuq domanda tal-qorti twieġeb li m'għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Mejju, 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.